# *Fuq Kemmuna

*Ta'* G. Cassar Pullicino

U waqt li ħutek wirtu sebħ u kobor,
Minn ġrajja mdemma ta' kull ġieh tifkira,
Int bqajt hemm waħdek bla xewqat u tama
Minsija u fqira.
(Ġ. Pisani, "Kemmuna").

NAHSEB li mhux kulħadd jaqbel miegħi li Kemmuna sabiħa. Imma kif igħidu, "Mitt bniedem mitt fehma", u ngħid għalija l-ebda gżira oħra, jew skoll li jagħmel ma' Malta, ma jogħġobni daqs Kemmuna. Għawdex sirt naf induru mhux ħażin, u l-gżejjer ta' San Pawl żgħar wisq ħada Kemmuna. Tassew li Filfla msemmija għall-gremxul ta' żewġt idnub, u għall-Kanġu li jinsab hemm biss, imma minn naħa l-oħra Kemmuna magħrufa wkoll għall-fniek tagħha. U billi ħadd ma jsemmi 'l Kemmuna mhux b'daqshekk din titlef mill-kobor tagħha. Għax għalkemm ftit kienu n-nies li għammru fiha, dejjem nies kbar qagħdu hemmhekk. Il-Lhudi għaref Abu Lafja, li ried jaqleb il-Papa għall-fehmiet tiegħu, fiha għażel li joqgħod fost tant gżejjer Maltin oħra, u San Korradu, meta kellu jaħrab għax il-Mostin garawh bil-ġebel minn Wied il-Għasel, wasal fuq il-mant tiegħu sal-Qala t'Għawdex u ltaqa' ma' bniedem qaddis ieħor li kien igħix Kemmuna. Xi daqqiet nixtieq li San Pawl, flok ħabat fejn ħabat, tkisser fuq Kemmuna. 'K mhux għal ħaġ'oħra, kien jiżdied ieħor man-nies kbar li qagħdu f'din il-gżira u x'aktarx li f'lok il-"Bejta tal-Kursari" Kemmuna kienet tibqa' tissemma bħala l-Gżira ta' San Pawl.

Mhux għax fiha xi ħaġa aktar minn post ieħor, imma aktarx għax kienet l-ewwel darba li mort hemm, dawk il-jumejn li għaddejt Kemmuna ma ninsiehom qatt. Niftiehmu: kumdità m'hemm xejn, ix-xemx tas-sajf tikwik, u kull fejn tmur bil-karrozza ta' San Franġisk; imma x'jimporta la qegħdin Kemmuna! L-aqwa li l-ikel tajjeb, il-frott bnin, l-inbid safi tal-għenba u n-nies dħulin. Xi trid aktar? Il-ħsieb biss li qiegħed maqtugħ mid-dinja, għalkemm mhux bogħod wisq minn Malta u Għawdex, huwa biżżejjed biex iferrħek u jhennilek qalbek. X'tambihom il-gazzetti

* Din il-kitba kienet imnebbha mit-Tabib G. Galea, li miegħi kien Kemmuna, u li mela bil-ħajja din il-gżira fir-rumanz tiegħu "Raġel bil-Għaqal."

fuq Kemmuna? u r-radju għalfejn? Dawk kollha żejda u taħbil ir-ras. Hemm ħaġ'oħra fix tqatta' ż-żmien; tista' toqgħod taqla' l-imħar minn mal-blat, jew iġġib ir-rizzi bil-ħġieġa u l-gaffa, jew tistad għal tal-wiċċ minn fuq l-art. Mixi u għawm u kwiet, u xi fenek misjur biz-zalza, jekk għad fadal minnhom: dawn biss għandek tfittex fuq il-gżira tal-kemmun.

Biex tasal Kemmuna ma tridx wisq. Sal-Marfa dejjem issib ma' xix tmur, u biex taqsam il-fliegu hemm il-lozzu li tkun krejt minn qabel. Meta morna Kemmuna konna mgħobbijin sewwa; jien bil-"camp" u b'barżakka tas-suldati mixħuta warajja, u sieħbi b'ċirniena bajda wara dahru. Imma, għax tgħid, it-tnejn konna ferħanin; konna rħejnielha għal triq mhix magħrufa, konna ħallejna s-serjetà warajna flimkien mal-ġlekk u l-qalziet twil. Iesti għal kull ma jista' jinqala' fuq Kemmuna. Għal għajn in-nies konna żewġt irġiel m'għandhomx x'jagħmlu, ftit u xejn bla ras, sejrin iqattgħu ż-żmien Kemmuna—fejn m'hemmx nies. Mur għidilhom li konna sejrin hemm għax xbajna min-nies?!

Malli titfa' sieqek l-art Kemmuna tibda tistħajlek f'xi dehra tal-Ljieli Għarbin, jew aħjar, frustier f'art is-sħaħar. Għax kull m'hemm fuq Kemmuna ma rajnieh imkien ħlief fl-istampi tal-"Mickey Mouse" u fil-film tas-Seba' Qerqnin. It-triqat jaqsmu l-egħlieqi mingħajr ħitan tas-sejjieħ; biss maż-żewġt iġnub hemm sinjal bil-ġebel żgħir u baxx; il-posta ta' l-ittri ċkejkna, ta' l-injam, marbuta maz-zokk ta' siġra f'salib it-toroq, bil-konka, f'lok tonda, ġejja għamla ta' trianglu; il-knisja żgħira qalb is-siġar mal-ġenb tat-triq. Bini hemm żewġ ġabriet ta' djar biss, waħda taħt it-Torri qisha l-belt tal-gżira, l-oħra iżgħar ftit 'l isfel; millbqija xejn ħlief xi razzett fil-bogħod, it-Torri u t-trinċiera ta' żmien l-Ordni, iċ-Ċimiteru u xi ħamest ikmamar fejn iħaddmu l-muturi ta' l-ilma għat-tisqija.

In-nies li jgħixu fuq Kemmuna huma kollha bdiewa u jilħqu madwar sittin. Biċċa minnhom huma Għawdxin mill-Qala u minn Għajnsielem, u oħrajn Maltin mill-Mellieħa jew San Pawl il-Baħar. Tfal wisq ma hemmx għax aktarx li l-familji bit-tfal imdaqqsin jitilqu minn hemm biex ikunu jistgħu jibagħtuhom l-iskola, u f'lokhom imbagħad jiġu oħrajn. Barra li jaħdmu r-raba', irabbu l-bhejjem u għas-sajd jinqalgħu wkoll. Għallewwel issibhom grixtin, imma malajr jidrawk u isiru jħobbuk jekk tkun taf tmur magħhom. Ħanut fejn wieħed ibill griżmejh għandhom ukoll, u jekk trid, tal-ħanut isajjarlek. Mhux għal xi ħaġa, imma ftit hawn jafu jsajru daqsha, u jekk mhux għal ħaġa

oħra, ta' min jasal wasla sa Kemmuna biex jiekol ikla fenek kif taf issajru hi. U ma' l-ikla tieħu tazza nbid ta' Kemmuna li tagħqadlek fuq ix-xofftejn, u frott irqiq kemm trid, u egħnieqed talgħeneb iswed u katlan, u xi felli dulliegħa fuq kollox. Dik ħajja! Fejn sa ssib hekk barra minn darek?

Sabiħa Kemmuna bid-daħliet u r-ramliet ċkejknin tagħha, fejn tista' tqatta' s-sigħat tgħum! Hemm ir-ramla ta' Santa Marija, b'dawk is-siġar u x-xtieli tal-qasab jaslu sa tarf l-ilma; ir-ramla ta' San Niklaw moħbija fiċ-ċokon tagħha nfisha, u dik ta' Bejn il-Kmiemen, bir-ramel lewn il-fidda taħt saqajk u l-blat inniggeż fuq kull naħa u dak il-għar mudlam u iswed għaddej minn taħt Kemmunett, il-baħar nadif u l-qiegħ ċar. Sabiħ it-Torri ta' żmien is-Slaten, fejn illum qed iraqqdu l-bhejjem: minn fuqu għandek daqqa t'għajn sabiħa u l-iktar li togħġbok il-kħula talbaħar taħtek. Illum il-ġebel qed jittiekel bir-raxx mielaħ talbaħar, u nibet il-ħaxix fuq il-lamberżuni; imma għadha tidher il-ħofra fejn kien jidħol l-arblu tal-bandiera u l-kanali għall-ħażna ta' l-ilma tax-xita, u l-kamra fejn kienu jaħżnu l-porvli... U t-Torri għadu jifrex dellu fuq il-gżira u jħarisha bħal fl-imgħoddi...

Imma l-aktar li ssaħħrek Kemmuna bil-lejl. Toħroġ għall-qamar u taqbad it-triq tat-trinċiera u inti u għaddej ix-xewk inniggeż jaħbat ma' riġlejk, xi serp imnaffar mill-passi tiegħek jgħaddi mkaxkar minn ħdejk, u fl-aħħar tasal ħdejn it-trinċiera siekta u battala. U tixteħet wiċċek 'il fuq fuq iċ-ċint, jew tħares 'l isfel taħtek; u tissaħħar! Għal ħin wieħed tistħajjel li dawk iż-żewġt ikmamar reġgħu mimlijin bis-suldati, li dawk il-kanuni mixħutin addoċċ fl-art mill-ġdid tqiegħdu f'posthom u li inti suldat tad-Dejma qiegħed għassa tissemma' għal xi ħoss li jista' iħassbek li resqin il-ħallelin tal-baħar jew ix-xwieni tan-Nofs Qamar...

Barra dawn hemm tifkiriet oħra li ġġib miegħek minn Kemmuna. L-ismijiet tan-naħiet tal-gżira; ngħidu aħna, il-Prexxa, id-Darsa, il-ponta ta' Mnieri, il-Ponta Rqiqa u r-Raba' tas-Sitt Itmien; it-taħdit mal-bdiewa fuq kemm tiflaħ raba' Kemmuna, kemm għandhom muturi ta' l-ilma, liema ilma huwa tajjeb għaxxorb jew fejn huwa salmastru sebaʼ gradi; il-qassis li jiġi minn Għajnsielem biex iqaddsilhom f'dik il-knisja ċkejkna qalb is-siġar, u bosta u bosta tifkiriet oħra li fihom ifakkar l-isem ta' Kemmuna.

Imma kollox igħaddi u jispiċċa. U wasal il-ħin li kellna nħallu 'l Kemmuna warajna. Minn fuq il-lozzu bqajt inħares warajja nara l-gżira ċkejkna titbiegħed, titbiegħed... U llum baqgħet biss

it-tifkira! Imma xi ḋarba, meta nkun nista', nerġa' mmur u nqatta' jumejn oħra hemmhekk. Kienet l-ewwel mawra tiegħi sa Kemmuna — l-ewwel u l-isbaħ darba! U biex nibqa' niftakar, bħalma jagħmlu t-tfal, kont ġibt miegħi u għad għandi quddiemi zokk bil-buda għall-feriti u żewġ bebbuxiet kbar minn mal-blat ta' Bejn il-Kmiemen.